BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 12/13 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 3 ta' Ottubru 2013 fil-5.30pm**

| | |
|---|---|
| *Preżenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino** (minn Aġenda 1 sa Aġenda 6 Punt 4)<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Aġent Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Assenti** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>(Aġenda 6 minn punt 5 sa 7) |

## AĠENDA -1

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 11/13 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. S.Zammit ippropona u B.Pace issekondat mozzjoni biex il-Minuti Nru. 11/13 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## AĠENDA -2

*01/10* - Tressqet fuq il-mejda tal-Kamra *Memo 21/2013* – Linji Gwida dwar telefon ċellulari tal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni fuq il-kontenut tal-ittra l-Kamra qablet li jkollha informazzjoni fuq ir-rati ta' telefonija offruti mill-kumpaniji ewlenin f'Malta.

*02/10* - Il-produtturi ta' 'Xarabank' qed jistiednu lill-Kunsill Lokali sabiex jieħdu sehem fi programm apposta flimkien mar-residenti u għaqdiet lokali. Il-Kamra talbet sabiex ikollha laqgħa mal-produtturi tal-programm.

*03/10* - Ġiet ippreżentata fuq il-mejda tal-Kamra stedina minn *Reel8 Productions Ltd.* għall-produzzjoni tal-programm 'Nisġa Maltija'. Minħabba li l-produtturi qed jitolbu prodotti għall-programm tagħhom, il-Kamra qablet li għandha tinġieb kjarifika jekk din l-istedina tgħoddx għall-Kunsill Lokali qabel tiddiskutiha.

*04/10* - Seminarista minn Birżebbuġa qed jagħmel talba lill-Kunsill Lokali sabiex meta jiġi ordnat bħala presbiteru, nhar id-29 ta' Lulju 2014, wara l-quddiesa ta' ringrazzjament jagħmel riċeviment fuq iz-zuntier u ż-żona tal-madwar tal-knisja. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba bil-kundizzjoni li jintlaħaq ftehim mal-baned lokali u l-Kappillan minħabba li d-data taħbat fil-ġimgħa tal-festa.

***AĠENDA -3***

Il-Kunsilliera B.Pace, *Chairperson* tal-Kumitat għall-organizzazzjoni ta' 'Jum Birżebbuġa' infurmat lill-Kamra bil-programm għad-19 ta' Ottubru 2013 – 'Jum Birżebbuġa', li se jinkludi varjeta'. Fl-okkażżjoni tal-għeluq l-20 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, ser jiġu mistiedna l-Kunsilliera kollha li servew fil-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa. Infurmat ukoll li n-nominati għal din is-serata' huma :

Dr Alexander Cachia Zammit
Is-Sur Alfred Mizzi
Il-Perit Michael Schembri u
L-Arċipriet Nicholas Pace

Ukoll se tiġi ppreżentata tifkira lill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ 2013, għas-suċċess li kisbu.

***AĠENDA -4***

**Mozzjoni Nru 01/2013: Estensjoni tal-użu tal-*Heavy Fuel Oil* fl-impjant tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tal-Enemalta f'Delimara.**

*Abbażi tal-pariri mogħtija mill-esperti nkarigati mill-istess Kunsill u mill-Kunsilli ta' Marsaxlokk, iż-Żejtun u Marsascala, u, fl-istess linja li l-Kunsill Lokali Birżebbuġa ħa fi snin li għaddew kif espressa f'numru ta' dikjarazzjonijiet u konferenzi għall-istampa, il-Kunsill Lokali Birżebbuġa jesprimi n-nuqqas ta' qbil mad-deċiżjoni meħuda dan l-aħħar mill-MEPA sabiex testendi ż-żmien tal-użu tal-Heavy Fuel Oil biex titħaddem l-aħħar estensjoni tal-Power Station (BWSC) ta' Delimara.*

*Fid-dawl ukoll li hu magħruf li dawn il-magni jistgħu jitħaddmu bid-diesel b'mod immedjat u mingħajr ħtiega ta' aġġustament.*

*L-anqas li l-Kunsill jistenna mill-Awtoritajiet ikkonċernati huwa konferma li l-emissjonijiet ta' din l-estensjoni ma huma ta' l-ebda periklu għas-saħħa tan-nies.*

*Għalhekk il-Kunsill Lokali Birżebbuġa jħeġġeġ lill-Awtoritajiet kkonċernati sabiex b'mod immedjat jibdew iħaddmu l-impjant bid-diesel sakemm, eventwalment, jibda jitħaddem imbagħad bil-gass.*

Mozzjoni mressqa minn S.Zammit. Mozzjoni ma ġietx issekondata.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Settembru 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi, il-Kamra qablet li tħallas is-somma ta' €46851.32 skont skeda Nru. 09/13.

***AĠENDA -6***

1. L-Aġent Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :

   - sar it-tieni *inspection* fuq il-*playing-fields* u dawn ġew klassifikati kif ġej:

     Ġnien Profs. Anton Tabone: Grade C
     Ġnien Mons. Ġużeppi Mintui: Grade C
     Ġnien il-Kunsill Lokali: Grade B

   - Il-prezz għall-programm 'Il-Kunsill Jisimgħek' fuq *Southend Radio*, radju tal-komunita' hu ta' €900 għal 26 programm; inkluż fil-prezz hemm xandir tal-avviżi kollha li jagħmel il-Kunsill Lokali.

   - fil-jiem li ġejjin se toħroġ sejħa pubblika għal Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi u għal Provista ta' *Garbage Bags*.

2. Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun informa l-Kamra li :

   - ġew imqassma l-*magazines* tal-Kunsill Lokali kif ukoll il-ktieb tar-riċetti li ħarġu l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ f'kull dar ta' Birżebbuġa. Il-*magazine* li jmiss għandu jasal fid-djar tar-residenti għall-aħħar ta' Frar 2014. Hu ħeġġeġ lill-kunsilliera sabiex jibdew iħejju l-artikli tagħhom.

   - fit-13 ta' Ottubru il-Kunsill Lokali se jieħu sehem fil-kampanja nazzjonali *Now We Move*. Il-Kunsill Lokali se jorganizza attivitajiet nhar it-13 ta' Ottubru mis-14.00 sas-18.00 li jinkludu Zumba, Regatta u Sailing fost oħrajn. L-attivitajiet se jkunu b'xejn għal kulħadd.

3. Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino :

   - talab sabiex l-amministrazzjoni titlob bilanċ ta' kemm hemm fondi disponibbli fil-UIF issa li wasalna sabiex tinħareġ is-sejħa pubblika tat-tkomplija tal-*Promenade* u tisbiħ tal-parkeġġ ta' Wied il-Buni. Informa l-Kamra li l-offerta pubblika hi kważi lesta, jonqos biss dettalji żgħar. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex il-Perit jagħmel stima tal-proġett sabiex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi.

4. Il-Kunsillier, is-Sur S. Zammit:

- informa l-Kamra li l-Kumitat tat-Traffiku għamel *site visit* fit-toroq tal-Qajjenza fejn kien hemm l-applikazzjoni għall-bdil fl-immaniġġjar tat-traffiku. Minħabba li ma ntlaħaq l-ebda ftehim ġie deċiż li r-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali jmorru għal-laqgħa mal-Perit ta' TM dwar dan is-suġġett sabiex niddiskutu l-aħjar soluzzjoni possibbli.

- fid-dawl li twaqqaf ix-xogħol fuq manutenzjoni ta' arbli ornamentali minħabba nuqqas ta' finanzi u li għad baqa' sitt arbli biss sabiex tkun saret il-manutenzjoni fuq l-arbli ornamentali kollha tal-Bajja s-Sabiħa, issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jkompli l-manutenzjoni fuq dawn is-sitt arbli biex ikun hemm sezzjoni kompluta. Wara diskussjoni l-Kamra ma laqgħetx dan is-suġġeriment u ġie deċiz li ssir laqgħa fejn għandhom jiġu ipprijorizzati x-xogħlijiet li għandhom isiru.

- informa l-Kamra li l-proġett ta' restawr fuq il-Kappella tad-Duluri beda.

- fakkar lill-Kamra li l-manutenzjoni tas-Sala tal-Kunsill għadu ma sarx. L-Aġent Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li dan hu previst li jsir f'Novembru.

- informa l-Kamra li se jkun hemm laqgħa ma' uffiċjali ta' TM u l-Enemalta fuq arblu tad-dawl fi Triq S.Cachia Zammit.

- talab sabiex jingħata informazzjoni fuq laqgħa li attenda għaliha s-Sindku fir-rigward tal-*power station*. Is-Sindku informa l-Kamra li hu ġie mistieden għal din il-laqgħa fuq bażi personali u mhux bħala rappreżentant tal-Kunsill Lokali. Pero' xorta waħda l-minuti ta' din il-laqgħa se jkunu ċirkolati lill-Kunsilliera kollha.

5. Il-Kunsilliera, is-Sinjura B. Pace :

- talbet sabiex jiġu rranġati l-imwejjed li hemm fis-Sala tal-Kunsill Lokali.

6. Il-Kunsillier, is-Sur C. Muscat :

- talab sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa fuq il-bieb tal-Kunsill Lokali.

- informa l-Kamra li qed ikun hemm problema kull nhar ta' Ħamis minħabba li karozzi qed ikunu ipparkjati fi Triq Żarenu Dalli waqt ħin il-monti. Il-Kamra qablet li meta jkun hemm din il-problema għandha tiġi mgħarrfa l-Pulizija sabiex tittieħed azzjoni mmedjata.

7. Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :

- informa l-Kamra li se jibqa' jinsisti sabiex waqt li jkun għaddej ix-xogħol ta' asfaltar fil-Bajja s-Sabiħa issir medda ta' dranaġġ fuq dik eżistenti sabiex tissolva l-problema ta' żbroff ta' dranaġġ. Kulħadd qabel.

- talab sabiex ikun hawn laqgħat aktar strutturati. Kulħadd għandu jitkellem waqt il-ħin allokat lilu.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru 2013 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **..........................................** | **...............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżk.** |